MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1042/2002/1

**Dr. Gunther u Sonia konjugi Abela**

**vs**

**Mirage Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 t'April, 2002 fejn intalab ir-rifuzjoni tas-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350.00), jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal, rapprezentanti l-valur ta' "washing machine" tal-marka Bauknecht li l-atturi xtraw u akkwistaw minghand is-socjeta` konvenuta fit-22 t'Ottubru, 1998, koperta b'garanzija ta' hames (5) snin, stante li rrizultaw hsarat fil-"washing machine" debitament koperti mill-istess garanzija;**
**Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra nterpellatorja datata 16 ta' Marzu, 2002 u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-3 ta' Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici qed tigi kontestata ghaliex s-socjeta` konvenuta mhux responsabbli ghall-hsarat fil-"washing machine" in kwistjoni, liema hsara aggravat ruhha minhabba l-fatt li l-attur ma ghamlux it-tiswijiet necessarji tempestivament;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Gunther Abela, Sonia Abela, Piju Camilleri, Adrianne Busuttil, Twanny Gerada, William Zammit u Roger J. Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghar-refuzjoni tal-valur ta' "washing machine" tal-marka Bauknecht li l-atturi xtraw minghand is-socjeta` konvenuta.**

**2. Il-"washing machine" in kwistjoni kienet inxtrat mill-atturi fit-22 t'Ottubru, 1998, u kienet koperta b'garanzija ta' hames snin. Inxtrat bil-prezz ta' tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350.00). L-invoice relativ huwa datat 26 ta' Novembru, 1998.**

**3. Jirrizulta li fil-5 ta' Marzu, 2002, waqt li qed ihaddmuha, l-imsemmija "washing machine" waqfet, u l-atturi cemplu lis-socjeta` konvenuta, li baghtu lil William Bezzina jaraha fis-7 ta' Marzu, 2002. Dan qal li ma setghax isewwi u kien ser jibghat lill-haddiehor. Skond l-attur, dan qallu li l-"washing machine" kienet koperta bil-garanzija.**

**4. Jirrizulta li fil-11 ta' Marzu, 2002, mar technician iehor, Toni Gerada, li qal li l-hsarat li kellha kienu tort ta' l-atturi, u kienu jammontaw ghall-mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00).**

**5. Jirrizulta li saret offerta lill-atturi li jixtru "washing machine" gdida li tiswa mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220.00), u tinghatalhom ghall-prezz ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00). Din il-"washing machine" offruta kienet "front load" u mhux "top load".**

**6. Skond is-socjeta` konvenuta, il-"washing machine" in kwistjoni kellha hsara fil-"bearings", l-"outer drum" taghha ttiekel, u l-"water seal" mar, u**

**dana minhabba li baqghet tahdem ghalkemm kellha l-hsara.**

**7. It-Tribunal innota jekk l-atturi setghux indunaw bil-hsara li kellha. Skond is-socjeta` konvenuta, il-kwalita` ta’ hsara li zviluppat, kienet tali li meta il-“washing machine” tithaddem, taghmel hafna hoss. L-attrici tghid li ma ratx differenza fil-hoss mil-magna li kellha qabel. Fil-fatt jirrizulta li l-“bearings’ kienu ilhom li marru, u l-fatt li baqghet tahdem, kompliet izzid il-hsara.**

**8. it-Tribunal ma ghandux dubbju dwar li l-atturi ma ndunawx bid-differenza fil-hoss, ghax wiehed ghandu jiehu kont tal-fatt li din il-magna kienet tithaddem ta’ spiss, u d-degenerazzjoni gradwali, ghalkemm iggib it-tibdil fil-hoss, ma hiex tali li l-hoss jinbidel mil-lum ghall-ghada.**

**9. Huwa minnu li l-“washing machine” kienet koperta b’garanzija ta’ hames snin, u kienet ilha ghand l-atturi tlett snin u hames xhur qabel ma ndunaw bil-hsara. L-atturi ndunaw bil-hsara minhabba li l-magna waqfet, u qatt ma ntebhu li l-hoss kien qed jizdied.**

**10. It-tekniku Roger J. Zammit, espert ex parte da parti tas-socjeta` konvenuta, u li huwa inginier li jahdem mad-ditta Philips, u li ezamina l-“washing machine” in kwistjoni, jikkonferma li l-hoss jizdied gradwalment, u li jekk il-“bearings” jintlahqu fil-hin, qiehed ikun jista’ jirrimedja.**

**11. Ghalhekk mill-kumpless tal-provi, jirrizulta li fil-fatt l-atturi ma ndunawx bil-bidla fil-hoss, u konsegwentement il-hsara kompliet taggrava ruhha. Ghal dan il-fatt it-Tribunal ma jsib ebda nuqqas imputabbli lis-socjeta` konvenuta. Anke jekk il-”washing machine” in kwistjoni kienet koperta b’garanzija, tali garanzija m’ghandiex tkopri danni li jigru u li jkunu imputabbli ghall nuqqas da parti tal-atturi. Irrizulta li din il-magna hadmet ghal xi snin u li l-atturi ma ntebhux fil-hin b’dak li kien qed jigri, u l-konsegwenza kienet li l-affarijiet komplew jaggravaw, tant li l-magna waslet f’punt fejn ma hadmitx aktar. Ghalhekk ma tistax is-socjeta` konvenuta tigi ritenuta responsabbli li thallas il-prezz mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba attrici. Fic-cirkkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------